**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 23 ta' Mejju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charlotte Curmi)**

**-vs-**

**Manuel Abela detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 245692M**

***Kumpilazzjoni Nru. 181/2017***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Manuel Abela u ċioè talli:

1. Nhar it-13 ta' April, 2017, għall-ħabta tas-1.30 hours ta' filghodu ġewwa Ganza, Triq l-Isqof Emmanuel Galea, Żejtun, ikkommetta serqa ta' mitt ewro kontanti għad-detriment ta' Diane Abela liema serq hu ikkwalifikat bil-vjolenza, mezz, persuna u l-ħin.

2. fl-istess data, ħin, lok, ċirkostanzi, volontarjament ħassar għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċjoe għamel ħsara fuq desk, siġġu u kexxun tal-cash register għad-detriment ta' Diane Abela liema ħsara ma tiskorrix l- elfejn u ħames mitt ewro.

3. b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijet tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda kiser l-kundizzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta nhar it-8 ta' Settembru, 2016, preseduta mill-Magistrat Dr Joe Mifsud LLD

4. Nhar il-10 ta' April, 2017, ġewwa ż-Żejtun xjentament laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b' reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament b' kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew immexxihom.

5. b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijet tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda kiser

il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, kif preseduta mill-Magistrat Aaron Bugeja nhar it-13 ta' Marzu 2016.

6. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-rearrest tal-imsemmi Manuel Abela, kif wkoll tordna li s-somma ta' € 5,500 bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta Malta.

U aktar talli f'dawn l-ahhar snin f'dawn il-Gzejjer-

7. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta

8. Kif ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta

9. Talli f' każ ta' ħtija kkommetta l- imsemmija reati waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża moghtija lilu b'sentenza ta' nhar is-16 ta' Settembru, 2015, mill-Magistrat Dr Anthony Vella LL.D. liema sentenza reġgħet ġiet estiża nhar it-8 ta' Settembru 2016 mill-Magistrat Dr J Mifsud LLD

10. Talli rrenda ruħu reċediv b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu Art 49,50, 289 Kap.9.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija meta tidhrilha xieraq sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna ta' Diane Abela detentriċi tal-karta tal-identita` numru 507885M, jew sabiex jinżamm il-bonordni pubbliku, flimkien mal-piena torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, in-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, il-fedina penali xejn felici tieghu minn fejn jirrizulta li l-imputat inghata diversi opportuitajiet sabiex jirriforma ruhu izda minflok ghazel li jarmihom u jkompli bil-hajja refrattarja li kien qabad, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz. Ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti tqis li ghandha tigi inflitta piena karcerarja li matulha l-imputat jinghata l-ghajuna mehtiega biex jeghleb il-vizzju tad-droga liema vizzju wasslu sabiex jikkometti dawn ir-reati sabiex ikun jista' jiffinanzja l-istess vizzju.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261(a)(b)(c)(d)(f), 262, 263, 266, 268, 270, 276, 277(b), 278, 279(a), 289, 325(1)(b), 334(a) u 579(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll wara li rat it-Taqsima IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939)(Legislazzjoni Sussidjarja 101.02.), fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal <u>4 snin prigunerija</u>.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 28B(1) tal-Kodici Kriminali tordna li s-sentenza sospiza ta' <u>hames xhur prigunerija</u> hekk kif ordnata mill-Onor. Magistrat Dr. Joseph Mifsud nhar it-8 ta' Settembru, 2016, ghandha tibda issehh.

Kif ukoll tordna li s-somma totali ta' €5,500 moghtija bhala garanzija hekk kif ordnat bid-digriet tat-13 ta' Marzu, 2017, moghti mill-Qorti tal-Magistrati

(Malta) preseduta mill-Onor. Magistrat Dr. Aaron M. Bugeja, tigi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta.

Finalment a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga, inkluz li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni waqt li qed jiskonta l-piena moghtija lilu.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**